# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum il-Gimgha 22 ta' Dicembru, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**
**vs.**
**Vincent Oliver Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Vincent Oliver Abela ta' 60 sena, iben il-mejtin Rosario u Josephine xebba Zarb, imwieled il-Belt Valletta nhar is-6 ta' Jannar 1946 u residenti 'Sunray' No. 21, Triq Dun Gorg Preca, il-Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' 97246M

Akkuzat talli:

1. fl-24 ta' Novembru 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, impjega, haddem jew ippermetta l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani privati minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
2. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer, haddem jew ghamilha bhala gwardjan privat minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. u fl-ahhar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Carmel Coleiro, u b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta fastidju ghall-istess persuna.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li ma kellhux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat u deciz.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri m'humiex kontestati, u huma fis-succint is-segwenti:

1. L-imputat huwa direttur manigerjali ta' l-entita O. Abela International Investigators Malta, u u tramite din l-entita jaghmel xoghol ta' investigatur privat.
2. Fi Frar tal-2003, huwa gab diploma mill-entita Amerikana Thomson Education Direct *"in recognition of the successful completion of the program PRIVATE INVESTIGATOR".* Dan il-programm li segwa l-imputat gie rikonoxxut mid-Divizjoni tal-Edukazzjoni b'ittra tat-18 ta' Awwissu 2003.[1] Huwa beda dan il-kors f'Gunju 2001.[2]
3. Madanakollu fiz-zmien tal-incident in kwistjoni, l-imputat jghid li kien ilu jaghmel xoghol ta' investigatur privat ghal hamsa u ghoxrin (25) sena.
4. L-imputat m'ghandux licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija taht il-Kapitolu 389, sabiex jahdem jew jaghmilha bhala gwardjan privat.

---

[1] Ara Dok VDA1 fol. 108 tal-process.
[2] Ara dokument ezebit a fol. 37 tal-process, li kopja tieghu hija wkoll ezebita bhala Dok. VOA3 a fol. 110 tal-process

5. Fl-2006, l-imputat ircieva istruzzjonijiet minghand certa Julia Coleiro sabiex jinvestiga u jistharreg il-kompartament ta' zewgha Carmel Coleiro, il-parte civile f'dawn il-proceduri, ghaliex kienet qed tissuspetta li kellu relazzjoni ma' mara ohra.
6. L-imputat ghamel l-investigazzjonijiet tieghu, li kienu jikkonsistu bazikament fl-ippedinar tal-istess Carmel Coleiro, u abbozza r-rapport tieghu datat 18 ta' Novembru 2006.
7. L-imputat halef u ipprezenta dan ir-rapport quddiem il-Qorti tal-Familja fil-proceduri ta' separazzjoni personali li kien hemm pendenti bejn l-istess Julia Coleiro u Carmel Coleiro.
8. Sussegwentement, Carmel Coleiro mar id-dar tal-imputat, li maghha ghandu anness ufficju, biex ikellmu, pero ma sabux u l-mara tal-imputat taghtu biljett tal-imputat.
9. Meta sar jaf b'dan, l-imputat mar l-Ghassa tal-Pulizija u kellem lil WPS 41 u talabha sabiex tibghat ghal Carmel Coleiro biex tammonih biex ma jersaqx lejh.
10. L-ghada WPS 41 cemplet lill-imputat u qaltlu li jrid ikellmu l-Ispettur Victor Aquilina, u wara li l-Ispettur Aquilina interroga lill-imputat, huwa ressqu l-Qorti akkuzat bl-imputazzjonijiet fuq citati.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Qabel din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fil-meritu, hija sejra tikkunsidra kwistjoni preliminari dwar l-ammissibilita tal-istqarrija tal-imputat.

<u>*Kwistjoni Preliminari - L-Ammissibilita' tal-Istqarrija tal-Imputat*</u>

Ghalkemm id-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha *ex officio* tikkonsidra l-istqarrija tal-imputat, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Naturalment dan ma japplikax ghax-xhieda li l-imputat minn jeddu ta fil-mori ta' dawn il-proceduri fil-presenza u bl-assistenza tal-avukat difensur tieghu.

*Il-Meritu*

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tikkunsidra fil-meritu l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, pero hija tal-opinjoni li jkun iktar logiku li tikkunsidra fl-ewwel lok it-tieni imputazzjoni, u warajha, jekk ikun il-kaz, tikkunsidra l-ewwel u it-tielet imputazzjonijiet.

*It-Tieni Imputazzjoni – Li l-Imputat hadem ta' Gwardjan Privat minghajr Licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija*

Huwa pacifiku bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza li l-imputat kien qed jaghmel xoghol ta' investigatur privat, u fil-kaz in partikolari ippedina lil parte civile fuq istruzzjonijiet ta' martu. Il-kontenzjoni bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza hija wahda legali, billi fil-waqt li l-Prosekuzzjoni qed tissottometti li biex seta' legalment jaghmel dan ix-xoghol, l-imputat kellu bzonn jottjeni licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija, ai termini tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, li hu l-Att XIII tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, id-difiza qed tissottometti li l-x-xoghol li jaghmel l-imputat ma jaqghax fid-definizzjonijiet ta' din il-ligi, u f'Malta ma tezisti l-ebda ligi li tirregola l-professjoni ta' investigatur privat, u ghalhekk ma jistghax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 389 jinkludi fid-definizzjoni ta' *"servizzi ta' gwardjani privati"* hemm inkluzi fis-subinciz *(i) "servizzi ta' investigazzjoni privata".* Skond l-istess Artikolu 2 *""servizzi ta' investigazzjoni privata" tfisser il-ksib, bejgh jew provvista lil xi persuna ta' xi taghrif dwar:-*

a. *l-identita', il-kondotta, il-movimenti, fejn tkun, affiljazzjonijiet, assocjazzjonijiet, transazzjonijiet, reputazzjoni jew karattru ta', xi persuna jew korp ta' persuni;*
b. *il-background jew l-antecedenti ta' xi applikant ghal impieg;*
c. *stharrig dwar persuni jew proprjeta' mitlufa;*
d. *dannu jew hsara lil proprjeta';*
e. *il-prevenzjoni jew il-kxif ta' spjunagg industrijali;'*

M'hemmx dubbju li x-xoghol li ghamel l-imputat fil-konfront ta' Carmel Coleiro – u cioe li jsegwi l-movimenti tieghu u l-assocjazzjonijiet tieghu tul medda ta' gimghat – jaqa' fid-

definizzjoni ta' '*servizz ta' investigazzjoni privata*'. Konsegwentement, ai termini tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat ma setghax jaghmel dan ix-xoghol, minghajr ma jkun qabel ottjena licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija skond din l-istess legislazzjoni.

L-imputat xehed li hu tkellem ma' diversi Ministri tal-Gustizzja fi zminijiet differenti mill-2006 il-quddiem dwar il-fatt li fl-opinjoni tieghu, l-investigaturi privati ghandhom jigu regolati b'ligi *ad hoc* u mhux regolati fl-istess ligi li tirregola l-gwardjani privati, u xehed li kien anke abbozza ligi – fil-mori ta' dawn il-proceduri – biex tirregola specifikatament l-investigaturi privati. Bhala provi fir-rigward, hu ezebixxa ittra li kien kiteb lil Ministru tal-Gustizzja fl-2006, u l-*acknowledgement* taghha mill-Ministeru, kif ukoll *acknowledgement* iehor mahrug mill-Ministeru fl-14 ta' Lulju 2009, ghal ittra li huwa kiteb fit-8 ta' Lulju 2009. Din l-ittra tat-8 ta' Lulju 2009 ma gietx ezebita mill-imputat.

Pero fi kwalunkwe kaz, dan kollu hu rrelevanti ghar-rizoluzzjoni tal-kaz odjern. Jekk il-legislatur s'issa deherlu li ghandu jirregola x-xoghol ta' investigaturi privati bl-istess mod li jigi regolat ix-xoghol ta' gwardjani privati, jaqbel u ma jaqbilx l-imputat – u *del resto* kwalunkwe individwu iehor, inkluza din il-Qorti – ma' din il-legislazzjoni, huwa ghal kollox irrelevanti – *dura lex sed lex*, u kullhadd huwa obbligat li josserva skrupoluzament id-dettami tal-ligi, irrispettivament mill-opinjoni personali tieghu dwar dik il-ligi.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issottometta li ma kienx hemm bzonn li l-imputat ikollu licenzja tal-Pulizija biex jaghmel ix-xoghol li *ex admissis* ghamel, ghax il-Qorti tal-Familja accettat u fil-fatt ma sfilzatx mill-atti r-rapport tal-imputat bhala investigatur privat, u skond hu dak jammonta ghal accettazzjoni tacita li l-imputat seta' legalment jagixxi bhala investigatur privat, u ssanat kwalunkwe illegalita li seta' kien hemm. Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva, li l-unika prova li hemm fl-atti hi li l-imputat halef fir-rapport tieghu bhala investigatur privat quddiem il-Qorti tal-Familja – x'ghamlet il-Qorti tal-Familja in segwitu ghal dan ma ngabet l-ebda prova, u ghalhekk din is-sottomissjoni hija bbazata ghal kollox fuq fatti li taghhom m'hemmx provi fil-process.

Imma *dato ma non concesso*, li l-Qorti tal-Familja ma sfilzatx ir-rapport tal-imputat, dan certament ma jfissirx li hija kienet qieghda tacitament taccetta li l-imputat seta' legalment jagixxi ta' investigatur privat minghajr licenzja tal-Pulizija. Mill-atti minn imkien ma jirrizulta li xi hadd gibed l-attenzjoni ta' dik il-Qorti, li l-imputat ma kellux din il-licenzja. L-

imputat xehed f'dawk il-proceduri fil-vesti tieghu ta' investigatur privat, u ma kienx il-kompitu ta' dik il-Qorti li tindaga jekk l-imputat kellux l-licenzja biex jahdem ta' investigatur privat o meno. Ladarba l-imputat xehed bhala investigatur privat, u dan ma giex kontestat mill-kontroparti, kien lecitu ghal dik il-Qorti li taccetta dik ix-xhieda u r-rapport. Kull interpretazzjoni diversa twassal ghal konkluzjoni assurda li kull avukat, perit, nutar, tabib jew persuna ohra li jkollha bzonn *warrant* jew licenzja specjali biex tahdem li tidher jew tixhed quddiem xi Qorti, trid ittella' maghha bhala prova l-*warrant* jew il-licenzja specjali li jkollha.

*Ex abbuntantia*, din il-Qorti izzid tghid li anke kieku stess – ghal grazzja tal-argument biss, ghax ta' dan ma hemmx l-icken prova - il-Qorti tal-Familja kienet taf li l-imputat ma kellhux licenzja skond il-ligi u xorta accettat r-rappport tieghu, la skond il-Kostituzzjoni u lanqas skond xi ligi ordinarja, Qorti ma ghandhix funzjoni li tissana b'xi mod agir ta' xi persuna li jkun b'xi mod illegali, u tezimieh minn proceduri kriminali.

Konswentement, din s-sottomissjoni tad-difiza hija manifestament infondata.

Fit-tieni lok, id-difiza issottomettiet li x-xoghol li jaghmel l-imputat kellu l-akwijexxena espresso tal-Korp tal-Pulizija, ghaliex persuni f'karigi gholja fil-korp kienu jqabbdu lill-imputat jaghmlilhom xi xoghol. L-imputat tella' wkoll xi xhieda in sostenn ta' dan. Apparti l-fatt li provi mtella' in sostenn ta' din l-allegazzjoni huma vagi, din il-Qorti ma thossx in-necessita li tinoltra ruhha fihom, stante li fl-ewwel lok marbuta li tiddeciedi biss l-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat huwa akkuzat fil-kaz odjern, u mill-provi ma jirrizultax li fil-kaz odjern kien hemm involviment ta' xi Pulizija. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk ghal grazzja tal-argument biss – ghax dan ma jirrizultax mill-provi – huwa vera dak li jghid l-imputat, u cioe li tqabbad jaghmel xoghol ta' investigatur privat minn membri tal-Korp tal-Pulizija, wara d-dhul fis-sehh tal-Kapitolu 389, dan ma jista' bl-ebda mod ikun ta' difiza ghall-imputat fil-proceduri odjerni, ghax certament l-ebda ligi ma tawtorizza lill-Pulizija li jitolbu lil xi persuna tagixxi b'mod illegali. Huwa rilevanti li mkien fix-xhieda tieghu, l-imputat ma jghid li l-Pulizija meta skond hu fittxew l-assistenza tieghu, kienu jafu li hu m'ghandux licenzja mahruga skond l-Kapitolu 389. Fil-fatt, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat jghid hekk *"... ... (I)l-Pulizija ma rrejalizzawx li l-imputat ma setghax jaghmel dan ix-xoghol minghajr licenzja".*[3] Kien il-kompitu tal-imputat li jara li jkollu l-

[3] Ara fol. 156 tal-process.

licenzja sabiex jahdem skond il-ligi. Fl-ahjar ipotezi ghall-imputat, jekk hu gie inkarigat biex jaghmel xi xoghol mill-Korp tal-Pulizija, il-Pulizija agixxew in buona fede u assumew li bhala professjonista, l-imputat ha hsieb li jgib il-licenzja mehtiega skond il-ligi. Ghalhekk anke din is-sottomissjoni tad-difiza hija manifestament infondata.

Fl-ahharnett, id-difiza targumenta li tant dan is-settur mhux regolat li l-imputat kellu jgib id-diploma tieghu minn barra minn Malta, ghax hawn Malta ma jezistux korsijiet simili. Frankament, dan l-argument jirrazenta r-ridikolu – hawn ghexieren ta' specjalizzazjonijiet, kazijiet notorji huma dawk fil-qasam tal-medicina u fil-qasam tal-veterinarji, li ma jezistux korsijiet ghalihom hawn Malta, u min irid jispecjalizza fihom, irid imur jistudja barra minn Malta. Pero meta jigi lura Malta, gradwat minn barra minn Malta hu xorta obbligat, li jgib il-*warrant* u/jew il-licenzji necessarji skond il-ligi Maltija sabiex ikun jista' jezercita legalment ix-xoghol tieghu.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Fl-ahhar tat-trattazzjoni tieghu, l-abbli difensur tal-imputat issottometta li f'kaz li din il-Qorti issib htija fuq din l-imputazzjoni, hija ghandha taghmel riferenza kostituzzjonali taht l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ghaliex hemm ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq billi mhux qed jigu rispettati l-principji *nullum crimen sine lege* u *nulla pena sine lege* u ghaliex hemm ksur tad-dritt tieghu li jezercita l-professjoni tieghu bi ksur tal-Artikolu 1 ta' Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni li tghid li din it-talba ghal rifenza kostituzzjonali hija manifestament frivola u vessatorja. Fl-ewwel lok, ghar-ragunijiet gia moghtija ix-xoghol ta' investigatur privat huwa regolat taht il-Kapitolu 389, u fil-fatt sabiex persuna taghmel dan ix-xoghol trid iggib licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-istess Kapitolu – haga li l-imputat lanqas biss ipprova jaghmel. Il-fatt li l-ligi tesigi li barra l-kwalifiki, wiehed igib ukoll licenzja jew *warrant* sabiex jezercita l-professjoni tieghu, bl-ebda mod ma tikser id-dritt ta' proprjeta tal-individwu. Dan isir sabiex tassigura livell gholi fl-ezercizzju ta' tali professjoni. L-istess abbli difensur tal-imputat ammetta li wara li ghamel sitt snin jistudja biex gab id-dottorat tal-ligi mill-Universita, kellu jaghmel l-ezami biex igib il-*warrant* u wara li gab il-*warrant* akkwista d-dritt li jezercita l-professjoni tieghu. Dan ma

japplikax biss ghal professjoni ta' avukat, izda ghal ghexieren ta' professjonijiet u xogholijiet ohra. Konsegwentement, din it-talba ghal riferenza kostituzzjonali qed tigi michuda.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Li l-Imputat Impjega, haddem jew ippermetta l-Uzu ta' servizzi ta' Gwardjani Privati minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija*

Fir-rapport li ezebixxa fil-proceduri ta' separazzjoni tal-*parte civile*, l-imputat indika lilu nnifsu bhala *"Investigatur Principali"* u lil certu M. Formosa bhala *"Assistent Investigatur"*.

Mark Formosa xehed f'dawn il-proceduri u qal li ilu tlett snin imur mal-imputat sabiex jitghallem kif isir ix-xoghol ta' investigatur privat – li jkopri Novembru 2006, iz-zmien in kwistjoni. Huwa qal li ghalkemm huwa kien jaghmel xoghol mal-imputat ta' investigatur privat, irrepeta kemm il-darba li qatt ma thallas minghand l-imputat ghal dan ix-xoghol, u qatt ma hallas.

Il-Prosekuzzjoni ipproduciet traskrizzjoni tax-xhieda ta' Mark Formosa fil-proceduri ta' separazzjoni tal-*parte civile*, liema xhieda ta fl-14 ta' Marzu 2008. F'din ix-xhieda Formosa qal li huwa impjegat tal-imputat. Xehed ukoll li hu u l-imputat kienu jissorveljaw lill-*parte civile* flimkien. Dan huwa konfermat mir-rapport stess redatt mill-imputat, li meta jiddeskrivi x-xoghol li jaghmel jitkellem dejjem fil-plural.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat ukoll jghid li fix-xoghol tieghu *"Ikolli n-nies tieghi. Wahdek ma tistax tahdem."*[4]

Mid-dawl tas-suespost, huwa ovvju li Formosa ma qalx il-verita f'dawn il-proceduri, u li fil-fatt hu kien impjegat tal-imputat, jew ghall-inqas kellu xi forma ohra ta' arrangament mal-imputat biex jithallas ghax-xoghol li kien jaghmel meta jassisti lill-imputat fix-xoghol tieghu ta' investigatur privat.

Ghaldaqstant, anke din l-ewwel imputazzjoni giet debitament ippruvata.

[4] Ara fol. 99 tal-process.

*It-Tielet Imputazzjoni – Li l-Imputat ta Fastidju lil Carmel Coleiro*

L-Artikolu 251A tal-Kodici Kriminali johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini** deciza fis-27 ta' Frar 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] irriteniet hekk fuq dan ir-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz *"harassment"*).

*"Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenza ghal ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa fil-waqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tipi ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.*

*F'sistemi legali barranin gie stabbilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". … …*

*Kull tip ta' dan l-agir pero hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.".*

Issa fil-kaz odjern, mhux kontestat, ghax anke jirrizulta mir-rapport tieghu stess, li l-imputat kien qed isegwi l-movimenti tal-*parte civile* u dan ghal diversi gimghat konsekuttivi. Pero fix-xhieda tieghu, il-*parte civile* Carmelo Coleiro jghid li hu lanqas biss kien induna li l-imputat u Mark Formosa kienu qed isegwuh. Hu sar jaf bl-ezistenza tal-imputat, u li l-imputat ghamel gimghat isegwieh, meta l-imputat ezebixxa r-rapport tieghu quddiem il-Qorti tal-Familja. Konsegwentement, fiz-zmien li l-imputat kien qed isegwieh ma kienx qed jibza'.

[5] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

Kien wara li sar jaf li l-imputat kien ghamel zmien isegwieh li, l-parte civile qal li imbaghad beda jibza *"li baqghu nies ohra jigru warajja."*[6]

Mix-xhieda tal-*parte civile* jirrizulta car li l-agir tal-imputat ma kienx intiz biex johloq certa biza' fil-*parte civile*, b'mod li johloq sensazzjoni li qed jigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Ovvjament l-imputat ma kellu l-ebda interess li jaghmel dan, ghax kieku l-*parte civile* induna li kien qed jigi segwit, ix-xoghol tieghu ta' investigazzjoni aktarx kien jigi sfrattat.

Naturalment il-*parte civile* hass ruhu frustrat meta skopra li gie segwit mill-imputat, u probabbilment huwa beza li jibqa' jigi segwit. Pero fl-opinjoni konsidrata ta' din il-Qorti, l-agir tal-imputat fil-kaz odjern, ma jaqax fil-parametri tal-agir li l-Artikolu 251A tal-Kodici Kriminali irid jipprojbixxi.

Fid-dawl tas-suespost, din l-imputazzjoni ma gietx debitament ippruvata.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-fedina penali aggiornata tal-imputat li mhix wahda felici. Huwa ghandu hmistax (15)-il kundanna minn dawn il-Qrati. Il-maggoranza taghhom huma ksur tal-ligijiet relatati mas-sewqan, kundanna ghal truffa, kundanna li hedded u kkaguna ferita hafifa fuq persuna, kundanna ohra li ingurja u hedded lil zewg ufficjali tal-Pulizija, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu s-servizz pubbliku taghhom, kundanna li ta fastidju lil persuna ohra, u kundanna ta' *ragion fattasi* u li agixxa ta' investigatur privat minghajr licenzja tal-Pulizija. Dan kollu juri li l-imputat ma tantx ghandu rispett lejn il-ligijiet u l-awtoritajiet tal-pajjiz.

Mir-rapport tal-imputat stess, jirrizulta li huwa dam jissorvelja lill-parte civile kwazi tlett gimghat u ha diversi ritratti u video.

---

[6] Ara fol. 41 tal-process.

Ghal fini ta' piena l-ewwel imputazzjoni hija assorbita fit-tieni imputazzjoni, peress li serviet bhala mezz ghal fini biex jigi kommess ir-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni, u dan ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Fis-sentenza kontra l-imputat odjern, deciza fil-25 ta' Marzu 2014, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)[7] ukoll sabet lill-imputat odjern hati talli hadem bhala investigatur privat bi ksur tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero dik il-Qorti kompliet tghid hekk: *"Madankollu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ghandu ragun li jilmenta li ma hemmx legislazzjoni 'ad hoc' biex ikopri din il-professjoni. Il-kuncett ta' "gwardjani privati u lokali" hu kompletament differenti minn dak ta' invesigatur privat. Ta' dan ser jittiehed kont fl-erogazzjoni tal-piena fil-konfront ta' l-appellant."*

Bir-rispett kollu dovut, din il-Qorti ma tistax taqbel ma dan ir-ragunament. Ma jezisti l-ebda dritt la fil-Kostituzzjoni, la fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, la fic-Charter dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u lanqas fil-ligi ordinarja, li xi professjoni tigi regolata b'legislazzjoni *"ad hoc"*. Lanqas il-professjoni legali stess ma hi regolata b'ligi ad hoc – imma tinsab principalment regolata fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jirregola wkoll karigi ufficjali amministrattivi, u l-procedura tal-Qrati Civili. Il-fatt jibqa' li l-professjoni ta' investigatur privat hija regolata bil-Kapitolu 389. Jekk wiehed jaqbilx li din kellha tigi regolata taht l-umbrella ta' dan il-Kapitolu, jew b'ligi *ad hoc* jew bi kwalunkwe mod iehor, hija kwistjoni soggettiva, u mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostitwixxi l-opinjoni taghha ghad-dettami tal-legislatur. Ghaldaqstant fl-opinjoni umli ta' din il-Qorti, il-fatt li l-professjoni ta' investigatur privat hija regolata fl-istess kapitolu tal-ligi li jirregola l-gwardjani privati u lokali ma ghandu jkollu l-ebda rifless fuq il-piena li se tigi erogata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

[7] *Per* Imhallef Antonio Mizzi.

1. issib lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra tieghu u qed tilliberah minnha,

2. Wara li rat l-Artikoli 3, 25(b) u (c) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta' xahrejn li qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

4. In oltre, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' multa ta' elfejn u erba' mitt Euro (€2,400.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-8 ta' Jannar 2018, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**